# STORIA

## TAX-XBIJA MIRACOLUSA

TA

# S. Maria Damascena

**Li hija mikjuma fil Cnisja Parrocchiali tar-Rit Griegh-Cattolicu tal Belt Valletta.**

—o—o—

MICTUBA MINN

SALVU AGIUS

TIP. ANT. ELLUL, 47A SDA. CRISTOFORO

— VALLETTA —

# STORIA

## TAX-XBIJA MIRACOLUSA

TA

# S. Maria Damascena

**Li hija mikjuma fil Cnisja Parrocchiali tar-Rit Griegh-Cattolicu tal Belt Valletta.**

—o—o—

MICTUBA MINN

SALVU AGIUS

TIP. ANT. ELLUL, 47A SDA. CRISTOFORO
— VALLETTA —



# Lill min ser jakra dan il-librett.

Billi bil bosta huma id-devoti tax-Xbija ghaziza ta S. Maria Damascena li tinsab fil Cnisia Parrocchiali tar-Rit Grieg-Cattolicu tal Belt Valletta, ahna hsibna u rajna li tcun uisk hagia sabieha illi nictbu li Storia tahha bil malti, u l'actarnett issa li korbot il festa tac-centinariu. Ghalecc nittamau li dan il ftit xoghol, li ahna ma ghamilniehx ghal hag'ohra hlief biss ghal gieh ta Sidtna Ommna Maria Santissima, icun milkuh mill cotra cbira ta daun id-devoti u jakrau bil herka dina li storia uisk sabieha ta din il ghaziza Xbija miracolusa ; fli stess hin ucoll nittamau u nixtieku li ta xgholna ma nifhmu ebda hlas iehor hlief biss li narau deijem tinxtered u toctor id-devozioni lejn il Madonna : u la darba dan hua hsiebna u din hi xeukitna, ahna ma ghandna ebda biza li il Madonna ma ixxerridx il barca tahha fukna u fuk il karreija collha ta dana ic-c'chejn librett ; fli stess hin ucoll fuk il ghaziza gzira tghana Malta

S. A.

Fix-Xahar tal Milied tas-Sena 1928.

Il bini tal Cnisja imsejha tal Grieghi, li tinsab fit-triek tal Iskof, bejn Strada Riali u Strada Mercanti, cantuniera ma Strada Federico, chien gie mibdi fis-sena 1576, mill flus li chien hareg minn butu in-Nobbli Giovanni Calamia li hua actarx minn Rodi; izda dan il bini ma satax jitcompla causa li dan in-Nobbli li semmejna chien miet f'Siracusa fis-sena 1579 u uara li chien ghal xi zmien tuakkaf il bini, sabu li in-Nobbli Giovanni Calamia halla legat ta chemxa flus seuua u ghalecc mill gdid il bini regia compla u chellu tmiem fis-sena 1580.

Seba snin uara, igiefieri fis-sena 1587, seuua seu meta chien isaltan il Gran Mastru Verdala, din il Cnisia giet mghamula Parroccia tal Grieghi, u giet ucoll imsejha Santa Maria Damascena. Dan l'isem chien gie lila mghoti minn quadru uisk ghaziz tal Madonna illi gio din il Cnisja chien imkighed.

Kabel ma ahna nirraccontau li storia tal ghageb ta dan il quadru li semmejna,



halli natu dakxejn ta hiel c'chejchen duar din il Cnisja.

Din il Cnisia ma tantx fiha x'jig'bdec chemm minn barra u chemm minn geuua, hia Cnisia c'chejcna li fiha jinsabu tliet artali: fl'artal tan-nofs li kighed taht portticu mimli collu colonni u quadri zghar antichi colla pittura ta stil grieg u stil bizantin, jinsab it-Tabernaclu; in-nahha tal-lemin jinsab l'artal tax-Xbija miracolusa ta Santa Maria Damascena; il quadru li hemm f'dan l'artal jirrappresenta il Madonna bil Bambin fi hdana, izda minn dan il quadru ma jidrux hlief il uicc tal Madonna u tal Bambin li tant chemm hua xoghol antic tista tgheid li huma suued, barra minn uicciom jidhru ucoll idejhom, u il bkija ta dauna iz-zeug figuri hua collox imghotti bil fidda u b'hagiar l'actar prezzius. Uiehed cull nahha ta dan l'artal hemm ucoll zeug quadri cbar fuk it-tila, li uiehed minnhom fieh pingiut issafra miracolusa ta dan il quadru ghaziz minn geuua il belt ta Damascu ghal Rodi; u l'iehor fieh ippitturat chif dan li stess quadru chien mehud b'festa l'actar cbira

minn geuua il Birgu ghal din il Cnisja li fuka kghedin nictbu. Ta dan li kghedin nghejdu, barra milli turihulna li stess pittura, huma ucoll xhieda iz-zeug scrizionijet li jinsabu uahda taht cull quadru.

Fl'artal tan-nahha tax-xellug hemm ucoll quadru iehor uisk sabieh, li dan jirrappresenta il Kauma minn bejn l'Imuiet ta Sidna Gesù Cristu, illi hua uahda minn l'actar opri sbieh tal famus pittur malti Stefano Erardi. Fil g'nub ta dan l'artal hemm ucoll zeug quadri ohra zghar, illi dann huma ucoll xoghol l'actar sabieh li jirrappresentau : uiehed ta San Frangisc di Paula u l'iehor ta Sant'Anna.

Fil parti tan-nahha ta l'evangeliu ta din il Cnisia tinsab ucoll mizmuma b'kima cbira xbija ohra uisk ghaziza u miracolusa tal Madonna. Dina ix-xbija chienet giet migiuba mill'Ordni minn geuua Rodi fis-sena 1580, u bil grieg hia imsejha *Elemoniatra*, igifieri tal Carità. Il quadru ta din ix-xbija hua xi dakxejn ic'chen minn ta Santa Maria Damascena, u bhalu ucoll hua micsi bil fidda, taht din ix-xbija hemm



scrizioni bil-latin li dina tati xhieda ta dac li ghedna.

Ma nafux ghal liema ragiuni li gio din il Cnisia, zmien ilu, chienet tinsab ucoll reliquia sabieha ta l'Id ta Santa Teotiete, xbejba vergini minn Lesbea, li dina chienet giet migiuba minn Rodi minn Nobbli Nicola Procatumeno fis-sena 1530. Dina l'Id ta din il Kaddisa chienet kabel icconservata geuua il Cnisja ta San Nicola tal Birgu, li chienet uahda mit-tliet Parrocci tal Grieghi. Izda minn dina ir-reliquia illum ma ghadx hemm hlief biccia c'chejcna.

F'dina il Cnisja tinsab ucoll imuakkfa sa mis-sena 1659 minn l'Iskof Balagner, il Fratellanza ta Cristu Irxuxtat. Tinsab ucoll dic il uisk sabieha statua ta l'Irxoxt, li hi opra l'actar famusa ta dac il cbir scultur malti il Gafà. Nisthajlu ahna li cull min kighed jakra din li storia c'chejcna, jgheid li tabilhakk li m'ahniex nghag'g'buha meta nghejdu li dina hia l'isbah statua li tinsab gio Malta. U chif le, jecc meta thares lejn dic il figura ta Cristu li donnoc kghed tarah imtaijar ghal geuua

is-Sema, u thoss geuua kalbec dac il ferh u dic il ghaxka?!

Intant, din hia il Cnisja, li ahna insejhula tal Grieghi; li, bhal ma rajtu, ghal chemm hia c'chejcna u uisk semplici minn barra u minn geuua, izda fiha huma migbura bosta hueijeg prezziusi, li flimchien mal cumplament tal pittura u ta bosta quadri antichi ta stil grieg jirrendu lil dan it-tempiu bhala ghamara t'Alla imzeijen bl'actar gmiel.

Nghaddu mela il kuddiem biex narau li storia tal ghageb ta din ix-Xbija ghaziza tal Madonna ta Damascu.

Ma nistghux nichdu illi geuua il ghaziza gzira tghana ma jinsabux bosta xbijet gheziez u miracolusi tal Madonna, u daun huma colla mikjuma b'ghozza cbira mill poplu collu ta Malta. U bir-ragiun collu, ghaliex daun ix-xbijet seuua ghal kedem tahhom chemm ghal grazzi u il miracli li ghamlu u li kghedin jghamlu, jistghu ta bilhakk jissejhu ghalina gheijun ta grazzi u xmaijar ta favuri, u ghal din il ghaziza Art Tuelidna huma bhala curuna l'actar sabieha ta gloria l'izied cbira.



Izda ma incunux nitkarku meta nghejdu illi uahda minn l'actar xbijet gheziez li tigbor fiha il qualità li ghedna hia tabilhakk dic ix-xbija ghaziza u miracolusa ta Santa Maria Damascena.

Ahna mill hila c'chejcna tghana sejrin nigbru dina li storia sabieha u tal ghageb minn fuk dac li chitbu kabilna l'ahjar chittieba, u dana sejrin nghamluh, bhal ma gia ghedna fuk *"Lil min ser jakra dan il-librett"*, m'hux ghal hag'ohra hlief biss ghal gloria ta Maria Santissima, u biex ucoll nuru bic-ciar li cull ma kghedin nghejdu hua verissmu. Nibdeu mela din li storia :—

Geuua il belt ta Damascu sa minn zmienijet bil bosta kodma chienet tinsab mikjuma xbija ghaziza u sabieha tal Madonna bil Bambin fi hdanha. Dina ix-xbija filleun tahha hia samra, u chif minn dejjem inghad chienet pingiuta minn idejn l'Evangelista San Luka. L'insara collha ta dauc l'inhaui chellhom ghal din ix-xbija kima u imhabba l'actar cbira; tant hua hecc li bit-talb tahhom chienu jakilghu bosta grazzi u privileggi. Izda jahasra, zmien

uara, il belt ta Damascu uakghet f'idejn it-Toroc ghedeuua cbar ta l'insara, u ghal dakshecc il Fidi u ir-Religion nisranija bdeu jintfeu bil ftit il ftit sa chemm geu mekruda ghal collox minn din il belt, u il-ligi Musulmana giet imxandra ma cullimchien. U, ma hemmx bzonn nghejdu, li dic ix-xbija ghaziza tal Madonna giet ucoll minsija ghal collox u abbandunata minn l'insara colla ta Damascu.

Mela — isimghu il ghageb ta dina ix-xbija — daura ta xi sena uara li il belt ta Damascu chienet uakghet f'idejn it-Toroc, din il ghaziza xbija tal Madonna, uehida bla hatt xejn ma messa b'idejh, b'lampa mimlija biz-zejt mixghula kuddiema, tbieghdet minn Damascu u ghamlet viagg tuil fuk il bahar, miexja dejjem f'uicc il bahar bid-daul jixghel kuddiema.

Giara, illi xi uhud li chienu ibahhru fuk bastiment tal kluh f'daun l'inhaui, u li imbghad serveu ta xhieda fuk dan il cbir miraclu, chienu lemhu mal-lejl bhal daul ciar u kauui jigri fuk uicc il bahar fl'imchien ma xi hag'ohra li bl'ebda mod



ma setghu jgharfu x'chienet. Daun gietom xeuka cbira li jaktghu il cursità sabiex jarau x'chien dan il ghageb; ghalhecc huma dicment dauru pruua lejn dan id-daul u bakghu mixjin deijem lejn in-nahha tighu, izda xeukithom bakghet bla mitmuma, ghax dac id-daul katt ma setghu jilhkuh. Uara hafna giri ghal xejn u chienu katghu kalbhom ghal collox li jilhkuh, huma fl'ahharnett rau lil dan id-daul diehel geuua port li huma ma chienux jafu ta liema art chien. Ghalhecc dlonc gibdu lejn dan il port u maz-zerniek ta l'ghada fil ghodu sabu ruhhom fil gzira ta Rodi. Izda dauna il bahrin stghagbu uisk actar b'din il hagia; u chellom ragiun, il ghaliex katt ma seta icun illi huma jghamlu dac il viagg hecc tuil ma tulec ja lejl, u ilcoll b'fehma uahda stkarreu illi dana ma setax icun hag'ohra hlief miracolu l'actar ciar.

Intant, dan id-daul misterius, chienu gia lemhuh ucoll xi nies li chienu f'dic ix-xtajta tal port ta Rodi, u daun xejn inkas minn dauc il bahrin mimlija ucoll bil ghageb, greu dlonc lejn il belt biex jatu

il bxara ta dac collu li rau. U uara ftit tal hin in-nies tal gzira collha greu malajr ktaija ktaija lein ix-xatt, fejn huma b'ghageb cbir fukhom jilmhu fit-truf taxxtajta ma gemb il blat dic ix-xbija miracolusa tal Madonna bil-lampa taz-zejt mghada tixghel kuddiemha; u f'dakka uahda dic il migimgha ta nies collha inxtehtu b'kima cbira kuddiem dac il quadru, u bid-dmuh f'ghajnejhom bdeu ifahhru lil Alla ghal dan il cbir miracolu.

Sa mill bidu tas-sena 1310 il gzira ta Rodi f'daca iz-zmien chienet taht idejn l'Ordni ta San Giuann, ghalecc minghair xejn telf ta zmien malli in-nies rau b'ghajneihom dac il miraclu, marru b'giria uahda u tau il bxara lil Gran Mastru li dic il habta chien ir-Ruman Giuanni Orsini, chif ucoll lil cbarat collha ta l'Ordni; u daun malli nizlu ix-xatt u rau dac il quadru, malajr gharfu taijeb li dic chienet li stess Xbija miracolusa u ghaziza li b'tant heggia u hrara chienet mikjuma minn l'insara geuua il belt ta Damascu.

Ghalhecc il Gran Mastru flimchien mal Cbarat collha ta l'Ordni, b'festa ta ferh



l'actar cbira ghamlu processioni sabieha flimchien mal poplu collu tal gzira u uasslu dic ix-xbija mix-xatt ghal geuua il Cnisja Conventuali ta San Giuann li dac iz-zmien chienet tinsab f'Rodi; u uara li huma kgheduha fuk artal l'actar sabieh u ghani ghamlula festa l'actar cbira, u minn dic inhar il kuddiem il kima u id-devozioni lejn din ix-Xbija bakghet deijem tizdied minn jum ghal iehor.

Izda, ma chienx ghadda zmien uisk minn daun il graija li semmejna, meta ghat-tieni darba dina ix-Xbija reg'ghet minn gdid tbieghdet uiehidha u marret geuua Cnisia ohra li bil grieg hia imsejha *Simonitrea*, igifieri tal Hniena, mnejn imbghad hia ma reg'ghet katt izied tkanklet minn loca. Daun il graija chienu fis-sena 1475; u, fli stess loc fis-sena 1480 bneula Cnisia sabieha u uisk acbar.

Iz-zmien chien ghaddej u il kima lejn din ix-xbija uisk miracolusa chienet ucoll kgheda ticber deijem, u chemm l'Ordni u chemm il poplu chellhom uisk ghal kalbhom dan il quadru ghaziz tal Madonna, u ta cull sena chienet issirila festa l'actar

cbira bhala tifchira tal migia tahha miracolusa geuua il belt ta Rodi.

Izda jahasra, ghandu icun illi id-demonju ma hamilx actar jara ticber geuua Rodi din id-devozioni lejn il Madonna, il ghaliex id-disgrazia li chienet misset lil imsejcna belt ta Damascu, uakghet ucoll fuk il gzira ta Rodi, u din ucoll giet mirbuba mit-Toroc. Ghalecc contra kalbhom, fis-sena 1522, il Gran Mastru flimchien ma collu chemm hua l'Ordni ta San Giuann halleu ghal collox il gzira ta Rodi. Izda L'Isle-Adam (li dac iz-zmien hua chien il Gran Mastru) ma halliex din il gzira kabel ma hua ha hsieb li flimchien ma hueijeg ohra gheziez jigbor ucoll u jehu mighu dic ix-xbija ghaziza ta Santa Maria Damascena. U seuua seu tmien snin uara, igifieri fis-sena 1530, meta l'Ordni gie geuua il gzira tghana Malta, din ix-xbija giebuha mahhom u giet imkgheda geuua il Birgu (il Belt Valletta daca iz-zmien chienet ghada m'hix mibnija) fil Cnisja ta Santa Caterina, li imbghad bdiet tisseijah il Cnisia ta Santa Maria tal Grieghi.

Meta imbghad chienet mibnija il Belt



Valletta; u, bhal ma gia ghedna fil bidu, giet ucoll mibnija il Cnisja tal Grieghi, il Cbarat ta l'Ordni chienu hasbu sabiex din ix-xbija miracolusa tal Madonna igibuha f'dina il Cnisja tal Belt il gdida. Ghalecc fis-sena 1587, dan il quadru chien migiub minn geuua il Birgu fuk xini minn l'ahjar u minn l'isbah li chellu l'Ordni, li dan chien imzeijen collu bil bnadar, haxix u fiuri, u fost il hseijes ta sparar ta canuni u ghaijat ta ferh u ciapcip ta l'idejn mill poplu collu ta Malta, fost iddakk tal kniepel collha tal cnejjes ta Malta, cant u dakk ta strumenti li bdeu isemmghu musica l'actar helua: il quadru tal Madonna chien kighed seuua seu fil poppa ta din ix-xini li semmejna, imgholli fuk palc micsi collu bid-damasc ahmar bil frenez tad-deheb, u minn fuk imghotti minn baldacchin ta harir u imbruccat ta gmiel l'actar cbir; u mad-daura tal quadru chienu jixilghu bosta dual ta torci cbar u mahruk ucoll incens ta fuieha cbira. Ma duar dan ix-xini chien hemm ucoll bosta dghaijes imzejnin bil bnadar u mimlijin bin-nies jghajtu ghajjat ta ferh. Is-suar

collha chif ucoll il bjut chienu fgati bi hlejjak ta nies collha chemm huma jghajtu u ixejru l'imcatar b'sinjal ta ferh.

Malli din ix-xini uaslet fix-xatt tal Belt bdiet purcissioni l'actar sabieha u famusa li bakghet miexja sal Cnisja tal Grieghi, u fiha hadu sehem : il Gran Mastru Cardinal Fra Ugo De-Verdala, il Gran Priur ta l'Ordni Mons. Alfonso De-Domenicis bil Cleru tighu collu flimchien mal cbarat collha tas-Sultan u mal cbarat ohra maltin, u fl'ahharnett ktaija cbar ta nies li geu minn cull nahha tal gzira chemm maltin u chemm ucoll barranin. Insomma, dina il purcissioni chien tasseu fiha x'tara, u dic inhar fuk uicc il poplu collu chien jidher ferh l'izjed cbir.

Chif il quadru tal Madonna gie imuassal fil Cnisja tal Grieghi, gie imkighed f'dic il cappella tal-lemin fejn ghadu jinsab sal-lum.

Id-devozioni tal maltin lejn din il Madonna bakghet ticber dejjem, u ta culljum minn cull rocna tal gzira chienu jigiu izuruha u jatuha kima, sa chemm mija u tlieta u sebghejn sena uara, igifieri fis-



sena 1760, din ix-xbija ghaziza giet imlibbsa u imzejna bil fidda u b'hagiar prezzius chif tasseu chien jixirkilha ; u haun, l'Iskof ta Malta, li chien Fra Bartolomeo Rull, mar taha 40 jum Indulgenza ghal cull min jgheid kuddiema *Salve Regina.* U f'dac li stess zmien dic il cappella giet ucoll irrangiata u imzejna uisk actar milli chienet, chif ucoll geu imkgheda dauc izzeug quadri pittura taz-zejt li ahna fuk gia semmejna.

Nistghu nghejdu ucoll illi id-devozioni lejn din ix-xbija ghaziza u miracolusa ta Santa Maria Damascena, minn dic inhar sal-lum ma giet nieksa katt mill maltin; u, b'xhieda ta dan hija dic il cotra ta ueghdi li bihom tinsab imzejna bhala ringrazziament ta grazzi u favuri li bla ma tehda hija tati lill cull min lilha imur jitlob bil kalb u bid-devozioni.

Il maltin juru id-devozioni tahhom lejn din ix-xbija ghaziza tal Madonna, fix-xahar ta Mejju u fil festi principali taghha ; izda din id-devozioni tidher bil bosta actar cbira fil quindicina u fil festa ta Santa

Maria fil hmistax ta Auuissu, fejn hemm issirilha festa uisk sabieha.

Huti gheziez karreija, bhal ma inthom rajtu illi id-devozioni lejn dina ix-xbija ghaziza tal Madonna katt ma giet nieksa u dejjem xerrdet grazzi cbar u tal ghageb. Dana collu rajnieh geuua il belt ta Damascu, mnejn chella bidu, u minn fejn ucoll dina ix-xbija hadet l'isem taghha minn zmienijet bil bosta kodma. Il viagg imbghad miracolus u tal ghageb uettak dana collu, tuettak ucoll fil gzira ta Rodi, u fl'ahharnett sab il gloria tighu geuua il mahbuba Art Tuielidna Malta.

Huti maltin, ma inhallux mela li tintefa minn geuua kalbna din il hrara ta devozioni lejn dina ix-xbija ghaziza tal Madonna, nissoctau bhal missierijetna natu kima lil Sidtna Maria Ommna u Omm Alla; issa l'actarnett, li kighed jokrob icentinariu ta din ix-xbija, nuruha lil Madonna li ahna bhala ulied taghha irridu nibkghu migbura ma duara natuha kima u inheggiu chemm nistghu lil ohrajn ghal din id-devozioni. Dana chien il hsieb tghana li nohorgiu dan id-dakxejn ta librett,



li bieh ahna ucoll nittamau li inxerrdu chemm nistghu id-devozioni lejn Ommna Maria Santissima taht it-titolu ta Santa Maria Damascena.

Kabel ma natu it-tmiem, f'riglejc mela ninxtehtu, u lilec inghejdu: Is-sliem ghalic o Vergni imbierca, is-sliem ghalic o Omm ghaziza tghana, is-sliem ghalic o Gharusa ta l'Ispirtu Santu; heccu chif ahna haun mixhutin kuddiemec lilec nitolbu li ixxerred fukna u fuk niesna il barca tighec, zommna dejjem taht il mant tighec celesti, bighed minna cull ghaug u cull hsara li tista tigri geuua paijisna; cun inti, o Omm ghaziza tghana li isservina bhala targa contra l'ghedeuua illi f'daun iz-zmienijet minn cull banda kghedin jimminacciauna, ehlisna inti o Omm hanina u bighed minn gio darna lil dauc collha li iridu jghamlulna hsara f'ruhna; cun int o Vergni l'actar safja il veru mudell tan-nisa tghana li f'daun iz-zmienijet halleu lid-demonju jisirkilhom l'actar hagia sabieha li ghandu icollha il mara: il misthija; nissel geuua il kalb bierda tghana ghall'ankas xrara biss uahda minn

dic l'imhabba li inti chellec lejn l'Iben tighec Gesù, li sabiex jifdina inti cont li gibtu fid-dinja; icolloc hniena o Omm u Vergni minn dan id-dmuh tghana, ahna iva nistkarru li ninsabu midimbin, izda la tinsiex illi ahna irridu incunu devoti tighec, u irridu nibkghu devoti tighec sa l'ahhar nifs tal hajja tghana.

SANCTA MARIA ORA PRO NOBIS.

— TMIEM —

# CURUNELLA
TA
# S. Maria Damascena

—o—

I.

O Maria, Int f'Damascu
Cont il bena ta l'Insara:
Jatuc chienu gieh u kima,
U ihobbuc bi cbira hrara.
*Ave Maria.*

II.

Tbighedt, izda, minn Damascu,
X'hin gratilha il cbira hsara,
Illi uakghet taht it-Toroc,
Cbar ghedeuua ta l'Insara.
*Ave Maria.*

III.

B'daul kuddiemec, tul ta bahar,
Ghaddejt Inti b'heffa cbira;
Uahdec dhalt fil port ta Rodi,
B'ghageb cbir tan-nies tal gzira.
*Ave Maria.*

IV.

Meta Rodi bhal Damascu,
Fl'idejn uakghet tal ghedeuua;
Ma chienx xierak tibka fosthom
Imbeghdin mit-triek tas-seuua.

*Ave Maria.*

V.

Xorti cbira chellha Malta.
Li ghazilt b'ghamara tighec;
Gzira mkaddza, li minn dejjem
Tinsab shieh marbuta mighec.

*Ave Maria.*

VI.

Haun kuddiem ix-Xbija tighec,
Bhala uliedec insellmulec;
U, b'turija ta mhabbitna,
Chif tixtiek, kalbna noffrulec.

*Ave Maria.*

VII

Fil kalil bahar tad-dinja
Daul imkaddes chebbes fina;
Bieh dahhalna lcoll fis-Sema,
Bhala Omm tghana hanina.

*Ave Maria.*

# TALB

## LI JINGHAD FIL QUINDICINA TAT-TLUH FIS-SEMA

TAL

## BEATA VERGNI MARIA

---

### L'EUUEL JUM.

*Niccuntemplau il Cuncezioni tal Madonna.*

Jinghadu *20 Pater, 20 Ave, Salve Regina* u *Credu*; f'gieh dauc l'20 sena li l'Imkaddsin Gharajjes Giuacchin u Anna ghexu bla ma chellhom ulied, kabel ma giet imnissla bla tebgha l'Imkaddsa Vergni Maria li ghall'unur taghha napplicau is-Salve Regina u il Credu ghal fidi tal Genituri.

### IT-TIENI JUM.

*Niccuntemplau it-Tuielid tal Madonna.*

Jinghadu *9 Pater, 9 Ave* u *Credu* f'gieh dauc id-9 xhur illi Sant'Anna giebet fil giuf taghha lil Madonna: li dina chif tuieldet ferrhet lid-dinja collha billi chellha tcun il vera Omm t'Alla.

### IT-TIELET JUM.

*Niccuntemplau il Presentazioni tal Madonna*

Jinghadu *36 Pater* u *36 Ave* f'gieh dauc

is-36 xahar ta età li chellha il Madonna, meta chienet ippresentata fit-Tempiu.

IR-RABA JUM.

*Niccuntemplau li stess Presentazioni.*

Jinghadu *15* il *Pater* u *15* il *Ave*, niccunsidrau lil Madonna fl'età ta tliet snin, titla ghaliha infisha il hmistax il targia tat-Tempiu.

IL HAMES JUM.

*Niccuntemplau li stess Presentazioni.*

Jinghadu *14* il *Pater*, *14* il *Ave* u *14* il *Salve Regina* f'gieh il perseveranza tal Madonna fit-Tempiu ghal kima mkaddsa, sa minn l'età ta erbatax il sena.

IS-SITT JUM.

*Niccuntemplau l'Annunziazioni tal Madonna*

Jinghadu *9 Pater*, *9 Ave* u *9 Salve Regina*, niccunsidrau dica l'Ahbar ta l'Anglu Grabiel lil Madonna, li uara disa xhur chellha iggib fid-dinja lil Verb Etern Alla mghamul Bniedem.

IS-SEBA JUM.

*Niccuntemplau iz-Zjara tal Madonna.*

Jinghadu *7 Pater*, *7 Ave* u *7 Salve Regina*,



niccunsidrau lil Madonna meta chienet mimlija bis-seba Doni ta li Spirtu Santu u bil frott li chien l'Iben t'Alla marret izzur lil Santa Elizabetta.

IT-TMIEN JUM.

*Niccuntemplau it-Tuelid ta Gesù Bambin mill Madonna.*

Jinghadu *25 Pater*, *25 Ave* u *3 Salve Regina* f'gieh dac il uisk helu Tuelid tal Verb Etern Alla mill Hdan Vergni ta Maria Santissima.

ID-DISGHA JUM.

*Niccuntemplau il jum tal Epifania jeu il maura tal Magi minn l'Orient ghal geuua Betlem u l'adorazioni tahhom lil Gesù Bambin*

Jinghadu *13* il *Pater*, *13* il *Ave*, *13* il *Salve Regina* u *Credu*, f'gieh il cbira fidi tat-tliet Slaten Magi li muasslin minn cheucba gdida, imxeu tlettax il jum biex jarau u jadurau lic-c'chejchen Bambin gia muieled.

IL GHAXAR JUM.

*Niccuntemplau il Purificazioni tal Madonna*

Jinghadu *40 Pater*, *40 Ave* u *Credu* jeu *Salve Regina*, f'gieh dauc l'40 jum ta uara

it-Tuelid, meta il Madonna ippresentat lil Gesù fit-Tempiu biex tobdi il-ligi.

IL HDAX IL JUM.

*Niccuntemplau il Kirda ta l'Innocenti.*

Jinghadu *7 Pater*, 7 *Ave*, *7 Salve Regina* u *7 Credijet* f'gieh il harba minn Betlem ghal Egittu ta Maria u Giuseppi, sabiex jiscansau lil Bambin Gesù minn dica il kirda tat-trabi Innocenti.

IT-TNAX IL JUM.

*Niccuntemplau lil Gesú fost id-Dutturi*

Jinghadu *12* il *Pater*, *12* il *Ave* u *3 Salve Regina* f'gieh it-tnax il sena li chellu is-Sinjur taghna Gesù Cristu, meta uara illi chien mitluf ghal tliet tijem mill Genituri, gie misjub fit-Tempiu jiddisputa mad-Dutturi.

IT-TLIETTAX IL JUM.

*Niccuntemplau it-Tieg ta Cana Galilea.*

Jinghadu *14* il *Pater*, *14* il *Ave* u *6 Salve Regina*, f'gieh l'erbatax il persuna, cioè: tnax l'Appostlu, Gesù u Maria li chienu fit-tieg ta Cana Galilea, fejn Gesù bidel sitt giarar bl'ilma f'imbit l'actar taijeb, li ghalhecc jinghadu dauc is-sitt Salve Regina ghal dan l'euuel Miraclu.



L'ERBATAX IL JUM.

*Niccuntemplau lil Gesù Curcifiss.*

Jinghadu *33 Pater* u *5 Ave*; fit-33 *Pater* niccunsidrau il Hajja ta Sidna Gesù Cristu ghal tlieta u tlietin sena, li Hua spicciahom billi miet ghalina fuk is-Salib; u il hames *Ave* huma f'gieh il hames duluri l'izjed cbar li hasset Maria Santissima fil Passioni tal mahbub Binha Gesù.

IL HMISTAX IL JUM.

*Niccuntemplau it-Tluh fis-Sema tal Madonna*

Jinghadu *63 Ave* u *7 Pater*, niccunsidrau il Haija collha ta Maria Santissima, u li uara tlieta u sittin sena chienet imtellgha is-Sema bir-Ruh u il Gisem.

it-Tue
Gesù

*Nic*

Jing
u 7 C
ghal I
jiscans
kirda

*Nicc*

Jing
*Regina*
jur tag
mitluf
misjub

*Nicci*

Jingl
*Regina,*
tnax l'
fit-tieg
sitt gia
ghalhec
gina gh

Nihil obstat
Die 19 Decembris 1928
ALOISIUS CAN. THEOL. ATTARD
Cens. Theol.

Imprimatur.
Datum die 22 Decembris 192
CAN. AL. M. CAMILLERI.
Vic. Genlis.